**23 ta' Ġunju, 1994**

**Imħallef:-**

**Onor. Godwin Muscat Azzopardi B.A. LL.D.**

Carmelo Saliba

*versus*

Gennaro Vassallo

**Inċident Awtomobilistiku - *MainRoad User***

*Il-fatt li sewwieq qed juża triq prinċipali ma jintitolahx illi jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni skabruża jew diffiċli biex jirreaġixxi għal emerġenza li tinħoloqlu.*

Il-Qorti:

Rat l-att taċ-ċitazzjoni pprezentat fl-14 ta' Ġunju, 1993, li bih l-attur - premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fis-17 ta' Diċembru, 1992, għal xi t-8:00 a.m., waqt li l-attur kien isuq il-*bus* Numru Y-0301 ġo Siġġiewi Road, Siġġiewi, din kienet involuta f'inċident awtomobilistiku kkaġunat mill-konvenut li kellu taħt il-kontroll tiegħu l-*car* Numru K-0912 (Dok. 1);

Premess illi bħal riżultat ta' l-inċident, l-attur ġarrab danni ammontanti għal total ta' seba' mija, tnejn u ħamsin lira (Lm752) skond ir-riċevuti Dok. 2 sa Dok. 8 (li jinsabu a fol. 8 - 12 tal-proċess);

Premess illi għal dan l-inċident kien jaħti unikament il-konvenut minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti;

Premess illi l-konvenut, interpellat b'ittra uffiċjali biex iħallas id-danni, ta' l-attur, baqa' inadempjenti;

Talab lil din il-Qorti:

1. tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli għall-inċident fuq riferit u għad-danni kollha li b'konsegwenza ta' l-istess ġarrab l-attur;

2. tillikwida d-danni ta' l-attur fis-somma ta' seba' mija, tnejn u ħamsin lira (Lm752) jew ammont verjuri, occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

3. tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta'

seba' mija, tnejn u ħamsin lira (Lm752) jew dak l-ammont li jiġi ddikjarat bħala dovut lilu in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 t'April, 1993, u bl-imgħax legali mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali kontra l-konvenut;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut ippreżentata fit-28 ta' Lulju, 1993, li biha eċċepixxa:

Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li għall-inċident in kwistjoni kien jaħti unikament l-attur stess kif ser jirriżulta fit-trattazzjoni tal-kawża;

Salve eċċezjonijiet oħra;

Rat id-dokumenti kollha esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirriżulta mhux kontestatament mill-provi, l-inċident ġara waqt illi l-attur Carmelo Saliba kien qiegħed isuq karrozza tal-linja f'ġurnata meta t-triq kienet imxarrba minħabba n-nida u ġej fid-direzzjoni mis-Siġġiewi lejn Ħaż-Żebbuġ. Passiġieri kellu x-*char-a-banc* mimlija u erbgħa bil-wieqfa, u hu jgħid li kien għaddej bi '*speed*' ta' xi għoxrin mil fis-siegħa (20 m.f.s.) min-naħa tiegħu tat-triq. Huwa jkompli jiddeskrivi l-inċident hekk:

". . . . Quddiemi ma kienx hemm traffiku sejjer fl-istess direzzjoni tiegħi. Tlajt il-liwja ta' hemm biswit it-triq li tagħti għall-*bypass* tas-Siġġiewi u bdejt in-niżla lejn Ħaż-Żebbuġ. Kont

fuq il-*fifth gear.*

Hin minnhom, meta jien kont tul ta' tliet *buses* bogħod, nara quddiemi l-*car* (li wara rriżultali li kienet tal-konvenut) ġejja b'lura min-naħa tal-lemin tiegħi lejn in-naħa tax-xellug tat-triq b'mod li ġiet fuq is-*side* tiegħi. Rajtha nieżla lura bil-mod. Kif rajtha qed timblokkali t-triq tiegħi, sieqi marret mill-ewwel fuq il-*brake.* Minħabba ż-żlieq, malli jien tajt il-*brake*, il-*bus* daret lejn il-lemin, ħabtet mal-ħajt tas-sejjiegħ u mbagħad laqtet bi ftit *van* li kien ipparkjat max-xellug tat-triq, u waqfet.

F'ebda ħin, ma ħbatt mal-*car* tal-konvenut."

Il-konvenut Gennaro Vassallo, li allura kien ġej minn Ħaż-Żebbuġ sejjer fid-direzzjoni tas-Siġġiewi, spjega l-parti rilevanti ta' l-inċident b'dan il-mod:

"Illi l-konvenut fis-17 ta' Diċembru, 1992, kien qed isuq il-vettura numru K-0912 li f'mument minnhom żvillupat difett mekkaniku u waqfet. Illi biex ma jkunx ta' ostakolu għat-traffiku huwa beda jirriversja sabiex iqiegħed il-karrozza fil-ġenb tat-triq.

Huwa għażel li jirriversja favur il-via tat-traffiku billi għalhekk qasam għan-naħa l-oħra tat-triq. F'mument minnhom tfaċċa l-attur mill-bogħod u l-esponent waqaf. Però l-attur ma deherx li kien kapaċi jikkontrolla x-xarabank li kien qed isuq u meta kien għadu 'l bogħod sewwa mill-eċċipjent ibbrejkja, skiddja, ħabat fil-ħajt oppost, dar u ħabat f'karrozza pparkjata; dan kollu evidentement bi traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku."

Il-konvenut ġie kontro-eżaminat fis-seduta tal-25 ta' Frar, 1994, u wara li nqratlu d-dikjarazzjoni li huwa kien ippreżenta

man-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, huwa spjega illi d-difett mekkaniku li kellu fil-vettura kien fis-sens illi huwa kien waqaf bla petrol u spjega għaliex fil-fehma tiegħu billi din kienet karrozza li ma kienitx ilha għandu;

Hu qal ukoll illi l-'*hand-brake*' ma kienx jorbot ħafna. Kien tiela' t-telgħa u kien kważi għan-nofs tat-triq, cjoè mal-linja medjana. Imbagħad huwa jgħid hekk:

"Waqfitli bla petrol. Ma mxietx . . . . Imbagħad kif jiena kont wieqaf wiċċi 'l fuq u daqsxejn aktar 'il barra, ħallejtha timxili lura biex nidħol għal mal-ħajt . . . . Jiena kont qiegħed naqra fuq barra iżjed, jiġifieri mit-triq, peress illi t-triq hija wiesgħa, u daqsxejn aktar 'l isfel minni hemm kantuniera li tiġi kontra tiegħi. U jiena għażilt li mmur favur it-traffiku, għax min ikun tiela' jkun isibni ma' wiċċu li kieku l-karrozza kelli noqgħod nirriversjaha. Kont aktar nieħu ħin biex nirriversja n-naħa ta' ġewwa milli għan-naħa ta' barra."

Kompla jikkonferma illi huwa kien qiegħed iħares lura waqt li kien qiegħed jirriversja, u għalhekk ma rax lill-*bus* ġejja lejh. Qal ukoll illi l-*bus*, kif eżatt dehret però, huwa raha tiskidja. Jiġifieri kien hemm tul ta' żewġ jew tliet *char-a-bancs* x'ħin bdiet tiskidja l-istess *bus*;

Fit-trattazzjoni tagħhom dwar dan il-każ, l-abbli difensuri ħadu posiżżjonijiet differenti. L-abbli difensur ta' l-attur sostna illi wieħed qatt m'għandu jpoġġi lilu nnifsu f'posizzjoni fejn jispiċċalu l-petrol u għalhekk jikkaġuna emerġenza lil ħaddieħor. Di più, jekk min jiġrilu hekk ser jagħmel xi manuvra biex iwarrab min-nofs, din il-manuvra jrid jagħmilha b'attenzjoni kbira tenut kont taċ-ċirkostanzi u tal-lokalità li kien qiegħed fiha. L-attur isostni difatti li l-aktar ħaġa faċli li seta' jagħmel il-konvenut kien

illi l-karozza tiegħu jiġbidha lejn l-istess naħa tat-triq li fiha waqaf b'lura, u cjoè iħalli l-karrozza taqa' lura biex jidħol mal-ġenb ma' l-istess naħa tat-triq;

Fil-fehma ta' l-attur, il-kawża prossima li wasslet għall-inċident kienet proprju l-manuvra inopportuna u inkonsulta da parti tal-konvenut. Min-naħa l-oħra, l-abbli difensur tal-konvenut isostni illi dak illi ra l-attur quddiemu kienet karrozza fl-istess karreġjata però li kienet qiegħda b'wiċċha lejh minflok bil-maqlub;

L-istess difensur ma jara xejn ħażin fil-fatt illi l-konvenut għażel illi jmur b'lura lejn in-naħa l-oħra tat-triq biex b'hekk speċi jkun qiegħed miexi fl-istess via li jkun ġej fiha t-traffiku mis-Siġġiewi;

Tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti kkunsidrat:

Illi ma hemm l-ebda dubbju illi l-konvenut ġie affaċċjat b'emerġenza, billi waqaflu l-petrol, ħaġa li huwa seta jieħu ħsieb li ma tiġrix. Veru illi l-karrozza ma kenitx ilha li nxtrat, però veru wkoll illi jidher illi huwa kien jaf illi l-'*gauge*' tal-petrol ta' l-istess karrozza ma kienx jiffunzjona b'mod li jindikalek preċiżament f'hiex wasalt fil-livell ta' petrol, u għalhekk kellu ċertament l-obbligu li jassigura li ma jiġrilux dak li ġralu;

Meta waqfet il-karrozza huwa għażel illi jieħu l-karrozza għan-naħa l-oħra tat-triq, u dan għażlu billi huwa kien diġà qed isuq lejn in-nofs tal-karreġjata tiegħu, jiġifieri viċin il-'*crown of the road*' meta waqfitlu l-karrozza. Issa huwa faċli illi wara l-inċident wieħed jgħid "is-sewwieq imissu għamel hekk'' jew "imissu jagħmel hekk''. Dak il-ħin però, sewwieq jieħu deċiżjoni, u una volta li ħa dik id-deċiżjoni jrid jassigura ruħu illi l-attwar

ta' dik id-deċiżjoni jkun ċirkondat bil-prekawzjonijiet kollha li għandu jkollu sewwieq f'ċirkostanzi bħal dawk;

Il-konvenut kellu jżomm f'moħħu illi huwa kien sejjer jagħmel manuvra għal kollox inaspettata fil-konfront ta' utenti oħra tat-triq, kemm kieku għażel li jiżel lura fl-istess direzzjoni minn fejn kien ġej, kif ukoll fil-manuvra li huwa għamel;

Huwa ovvju li m'huwiex normali li tara quddiemek karrozza tħares lejk u miexja lura fil-karreġjata tiegħek, kif sab l-attur ma' wiċċu kif dar il-kantuniera, u huwa ovvju wkoll illi sakemm wieħed jirrealizza din il-karrozza li allura tfaċċatlek fil-karreġjata tiegħek wiċċha lejk preċiżament x'qed tagħmel, jagħaddu ċertu mumenti. Ma hemm l-ebda dubbju f'dan il-każ partikolari illi kif ra dik is-sitwazzjoni l-attur applika l- '*brakes*' bil-konsegwenzi li ġraw;

Ma tistax il-Qorti tagħti tort lill-attur illi għafas il-*brakes* għaliex hija deċiżjoni li *driver* rinfaċċjat b'sitwazzjoni ta' emerġenza subitanea, jew almenu ċertament kompletament inaspettata, jirreaġixxi jew billi jagħfas il- *brake* jew billi jibqa' għaddej u jispera illi jirnexxilu jgħaddi jew mill-karreġjata opposta jekk ma jkun ġej ħadd jew inkella, jekk ikun possibbli, min-naħa ta' ġewwa tal-vettura ta' faċċata, jew inkella naturalment it-tielet alternattiva, li jipprova jagħfas il- *brake* biex jieqaf;

Ma hemm l-ebda dubbju għalhekk illi l-akbar responsabbiltà taqa' ċertament fuq il-konvenut;

Għar-rigward ta' l-attur, huwa veru wkoll dak illi jgħid l-abbli difensur tal-konvenut li ma jfissirx illi għax inti '*main road user*' inti tista' tibqa' għaddej u ma tieħu ebda prekawzjoni. Dina

l-Qorti, anki kif ippresjeduta, kellha diversi drabi l-okkażjoni li tindika illi l-fatt illi inti tkun qed tuża triq prinċipali ma jintitolakx illi tqiegħed lilek innifsek f'sitwazzjoni skabruża jew diffiċli biex tirreaġixxi għal emerġenza li tinħoloqlok. Bħal ma ntqal ripetutament, flok karrozza quddiemek jista' jkollok tarbija, jew persuna hi min hi, li ma tkunx forsi f'posizzjoni li tirreaġixxi malajr biex twarrab mill-via tiegħek;

L-attur kellu char-a-banc mgħobbija bin-nies, kien nieżel niżla, u kien jaf illi t-triq kienet imxarrba kompletament bin-nida. Kellu jkun f'posizzjoni li jirreaġixxi b'mod kemm jista' jkun loġiku għal emerġenza li tinħoloqlu wara kantuniera;

F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk, il-Qorti jidhirlha illi għandha tirripartixxi l-ħtija kwantu għal tliet kwarti (¾) lill-konvenut u kwantu għal kwart (¼) lill-attur;

Kwantu għal-likwidazzjoni tad-danni, l-attur esibixxa ċertifikati li b'kollox iġibu total ta' danni minnu sofferti fl-ammont ta' seba' mija u tnejn u ħamsin lira (Lm752). Tliet kwarti (¾) ta' dan l-ammont iġib l-ammont ta' ħames mija u erbgħa u sittin lira (Lm564);

Il-Qorti konsegwentement tilqa' t-talbiet ta' l-attur limitatament għal tliet kwarti (¾) mir-risponsabbiltà ta' l-inċident, u tillikwida d-danni hekk sofferti mill-attur fl-ammont fuq imsemmi ta' Lm564 u konsegwentement tikkundana lill-konvenut iħallas lill-attur dak l-ammont;

L-ispejjeż jinqasmu bejn il-partijiet skond il-proporzjon ta' responsabbiltà fihom misjuba.